MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-30 ta' Awwissu, 2005

Numru 717/2005

**Il-Pulizija**
**Spettur Therese Sciberras**
**V**

**OMAR IBNI MOHAMMED TAJJEB**

**MOHAMMED ABUTALEB**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputati **OMAR IBNI MOHAMMED TAJJEB** ta' dsatax il-sena Mohammed, imwieled l-Palestina nhar t-tlieta ta' Lulju 1986, detentur ta' passaport numru 004UU5 u **MOHAMMED ABUTALEB** ta' hmistax il-sena, bin Seyed u Seyeda, imwieled fis-sena 1989 l-Palestina, gew mressqa quddiemha akkuzati talli f'dawn il-Gzejjer fil-lejl ta' bejn t-tlettax u l-erbatax ta' Awissu 2005, fl'Ghadira l-Mellieha:

1. Ippruvaw jikkommettu serq ta' hwejjeg ta' valur aktar minn mitt lira maltin w inqas minn elf lira maltin u cioe dghajsa bin-numru ta' registrazzjoni S 7202 w urew dan il-hsieb b'atti esterni u taw bidu ghal esekuzzjoni ta'dan id-delitt liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volunta taghhom, liem a serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur u bil-hin ghad-dannu ta' Joseph Gauci;

2. Talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi, laqghu ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat ;

3. **OMAR IBNI MOHAMMAED TAJJEB WAHDU,** talli fl-erbatax ta' Awissu 2005, f'xi hin bejn s-saghtejn ta' wara nofsinhar w t-tmienja ta' filghodu f'dawn il-Gzejjer, u cioe f'Belt s-Sebh, u l-Floriana, attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew hebb kontra PC 87 George Galea u cioe persuna nkarigata skond l-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qed jagixxi ghal esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond l-ligi mill-Awtorita kompetenti;

4. Talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi m'obdiex l-ordnijiet legittimi ta' persuni nkarigati minn servizz pubbliku u cioe PC 87 George Galea, PC 646, PC 570 u ma hallihomx jew fixkilhom waqt li kienu qed jaghmlu d-dmirijiet taghhom jew b'mod iehor, bla jedd indahal fi dmirijiethom billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li b'ligi jkun ordnat jew jista jaghmel jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ikun ghamel skond l-ligi jew b'xi mod iehor;

5. Talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi ingurja, hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' wiehed inkarigat skond l-ligi minn servizz pubbliku waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezza jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta'dak is-servizz;

6. Talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi, kkaguna offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' PC 87 George Galea skond ma ccertifika Doctor J. Abela;

7. Talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi, voluntarjament ghamel hsara li tammonta ghal aktar minnhamsin lira izda inqas minn mitejn lira fuq nuccali ghad-danu tal-imsemmi PC 87 George Galea;

8. Talli fis-sena 2005, harab minn post ta' kustodja u cioe d-Detention Centre ta' Hal Far.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom, l-istqarrija rilaxxjata miz-zewg imputat nhar l-hmistax ta' Awissu 2005 markati bhala dokumenti CSH 5 u CSH 6, l-istima ta' nuccali allegatment miksur f'dan il-kaz li tinsab immarkata bhala dokument CSH 8, l-okkorrenzi relattivi markati bhala dokument CSH 4 u CSH 7, certifikat mediku rilaxxjat minn Doctor J. Abela markat bhala dokument CSH 3, l-fedini penali taz-zewg imputati markati bhala dokument CSH 1 u CSH 2, w il-kunsens tal-Avukat Generali datat dsatax ta' Awissu 2005 esibit fl-atti bhala dokument CSH sabiex din il-kwza tigi trattat u deciza minn din il-Qorti foil-kompetenza taghha fuq riferuta.

Semghet liz-zewg imputati jiddikjraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat u deciz minn din il-Qorti kif jirrizulta mill-verbal tas-seduta tal-hmistax ta' Awissu 2005 [fol 8 u 9].

Semghet l-ammissjoni tal-imputati kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar t-Tlieta, tletin ta' Awissu 2005.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li z-zewg imputati wiegbu li huma hatja, din l-Qorti wissiethom b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba taghhom u taghthom zmien xieraq biex jekk iridu jergghu lura minnha u kien wara li staqsiethom t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni taghhom.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-stess imputati, l-Qorti tiddikjara li qed issbhom t-tnejn hatja tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra taghhom.

Ikkunsidrat:

Il-Qorti qiset is-segwenti fatturi rigwardanti l-piena:

1. L-ammisjoni bikrija tal-imputati kwazi sa mill-bidu nett ta’ dawn il-proceduri u li b’hekk m’inhela ebda hin zejjed tal-Qorti;

2. Il-fedina penali netta taz-zewg imputati minn fejn jirrizulta li t-tnejn m’ghandhom ebda tebgha ta’ reat jew kontravenzjoni registrat fuqha u ghaldaqstant ghandhom jigu trattati bhalikieku huma *first time offenders*;

3. Il-ko-operazzjoni shiha taghhom mal-Prosekuzzjoni tul l-investigazzjoni kollha ta' dan il-kaz.

Semghet lil partijiet jittrattaw dwar il-piena fis-seduta tat-tletin ta' Awissu 2005.

**Ghaldaqstant, wara li l-Qorti rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikoli 152, 221, 46, 95, 96, 261(b)(c)(f), 263, 270, 267, 278, 280, 334 u 338(ee) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara li ssib z-zewg imputati OMAR IBNI MOHAMMED TAJJEB u MOHAMMED ABUTALEB <u>hatja</u> tal-akkuzi kollha kif dedotta fil-konfront taghhom u dan fuq ammissjoni taghhom stess u tikkundannhom ghal piena ta' sentejn prigunerija sospizi ghal erbgha snin kull wiehed u dan bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Tordna wkoll lil imputati sabiex fi zmien jumejn mill-lum jhallsu s-somma ta' hamsa w hamsin lira maltin kull wiehed lil PC 87 George Galea u dan ghal hsarat li sofra f'dan l-kaz.**

Il-Qorti spjiegat fi kliem car l-import ta' din is-sentenza liz-zewg imputati u x'jigri jekk jonqsu li josservawha u l-imputati ddikjaraw li fehmu ben tajjeb.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------